# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Frar, 2019

**Rikors Numru : 455/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**TS**

**U**

**Dr.RT**, bhala mandatarju specjali tal-assenti MES karta ta' l-identita Maltija X u n-numru tal-Passaport Ingliz Y, residenti Z

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' TS u Dr.RT bhala mandatarju specjali ta' l-assenti MES, li ghandu l-karta ta' l-identita Maltija X u n-numru tal-Passaport Ingliz Y, residenti Z, datat 9 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fid-data tas-sitta u ghoxrin ta' Settembru (26) ts-sena elfejn digha mija u tmienja u disghin (1998), fi The Fra Ben Restaurant, Qawra, L/O St.Paul's May Malta u dan skond l-Att taz-Zwieg enumerat W (Hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A'.)*

2. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniehtom stante li minbaraa li ilhom ma jghixu flimkien bhala koppja mizzewga ghal dawn l-ahhar tmientax (18) il-sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u l-*

*kontendenti qeghdin f'relazzjoni ma terzi u dana minbarra li ilhom legalment separati mill-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Dokument tas-separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala 'Dok S1')*

3. *Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Rat in-nota ta' Power of Attorney ta' MES pprezentata minn Dr.RT (vide fol 11).

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-avukati difensuri ma kellhomx trattazzjoni ulterju x'jaghmlu;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi migbura jirrizulta illi l-partijiet zzewgu fis-26 ta' Settembru 1998 (Vide Dok A a fol 3) u kellhom zewgt itfal, t-tnejn illum maggorenni;

Illi fl-20 ta' Mejju 2002 il-partijiet sseparaw kunsenswalment kif jidher minn Dok S1, a fol 4 et seqq., kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Tony Cauchi; Ghaldaqstant l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin;

Ma hemmx arretrati ta' manteniment stante li l-partijiet kienu irrinunzjaw ghal tali dritt;

Il-partijiet sostnew illi ma hemm ebda tama ghal rikonciljazzjoni;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
***[...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
***[...]***

Il-Qorti rat illi kienu zzewgu nhar is-26 ta' Settembru, 1998 (vide Dok A a fol 3).

Jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Mejju 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi, (vide Dok S1 a fol 4), u ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar 18-il sena.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat in oltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**